MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1111/1990/1

**Carmelo Cachia**

**Vs**

**Raymond Buhagiar**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa proprjetarju ta' xarabank numru Y – 0559 u waqt li kien qed isuq l-istess f'Xemxija Road, Xemxija lejn il-Mellieha kien involut f'incident awtomobilistiku fid-29 ta' Gunju, 1990 fis-7.20 p.m. mal-konvenut li kien qed isuq karozza tal-marka Lada numru tar-Registrazzjoni L-5279, liema karozza dahlet go fih u fil-fatt id-daqqa saret fuq in-naha tat-triq tal-attur.

Premess illi tali incident gara tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti.

Premess illi minhabba f'dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku bejn il-kontendenti li gara fid-29 ta' Gunju, 1990 gara tort unikament tal-konvenut minhabba f'negligenza u non osservanza tar-regolamenti.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur hekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominani;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1. In linea preliminari, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante li l-partijiet kienu lahqu ntrabtu li jmorru Arbitragg dwar il-kollizjoni in kwistjoni.

2. Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' l-attur hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-kollizjoni msemmija fic-citazzjoni grat unikament tort ta' l-istess attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-eccipjent dwar l-istess mertu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 17;

Rat ir-relazzjoni tal-espert nominat a fol. 108;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni, kien sar verbal a fol. 17 fejn il-konvenut iddikjara li mhux qed jinsisti izjed fuq dina l-eccezzjoni b'riserva ghall- ispejjez relattivi.

Fil-mertu, l-espert nominat mill-Qorti kien irrelata li ghall-incident in kwistjoni kienu responsabbli z-zewg *drivers* ugwalment billi ghalkemm huma kellhom vizwali fit-tul u setghu jaraw lil xulxin gejjin, it-tnejn ikkalkolaw hazin u laqghtu lil xulxin bi sbrixx waqt li kienu qed isuqu lejn nofs it-triq.

**Tikkunsidra**

Illi jirrizulta mill-provi li ma giex stabbilit fejn kien li *spot of impact* u li wara l-habta, bejn wiehed u iehor, iz-zewg vetturi spiccaw fuq is-*side* taghhom. Izda minn ezami akkurat tal-iskizz u l-*measurements* li ttiehdu jirrizulta li x-xarabank spiccat aktar il-barra minn nofs tat-triq, mentri l-vettura tal-konvenut giet kwazi tmiss ma nofs tat-triq. Dan pero' wara l-incident.

L-attur xehed li ra lill-konvenut qed jissorpassa karozzi ohra, qasam ghas-*side* tieghu u dahal fih. Mhux verosimili pero' li sar sorpass simili f'dawk ic-cirkostanzi billi kien jigri li l-konvenut ikun qed jaqbez il-karozzi ta' quddiemu u dawk ta' magemb ta' quddiemu fuq ix-xellug taghhom. Qiesu qed jaghmel *double overtaking*. B'manuvra bhal dika l-konvenut kien jispicca totalment *wrong side* u difficilment kien ikun jista' jerga jidhol fil-filliera tal-karozzi

quddiemu b'xarabank gejja mill-faccata lejn nofs it-triq u bil-karozzi pparkjati fuq ix-xellug taghha.

Hija aktar verosimili l-versjoni tal-konvenut li hu ra lix-xarabank gejja lejn nofs it-triq u hu stess qieghed lejn in-nofs minhabba karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu, u meta ra x-xarabank gejja f'dik il-posizzjoni hu kellu bil-fors jaghfas aktar lejn il-karozzi pparkjati fuq ix-xellug tieghu, izda x-xarabank xorta laqtitu bi sbrixx. Il-konvenut xehed li ta' quddiemu wkoll kien ser jintlaqat mix-xarabank izda dak kellu fejn jaghfas fuq ix-xellug tieghu biex jevita milli jintlaqat mhux bhal konvenut li kellu zewg karozzi magembu.

Kwantu ghal dak li xehdet Rita Sammut, u l-opinjoni taghha dwar min hu responsabbili ghall-incident, il-Qorti ma tantx tista' taghatiha affidament. Din wara kollox lanqas kienet xhud li giet indikata lill-pulizija fuq il-post ta' l-incident (Ara fol. 6). Inoltre jirrizulta dubbjuz hafna fejn kienet jekk fil-fatt kienet x'imkien biex rat l-incident.

## Konkluzzjoni

Fic-cirkostanzi u ghar-ragunijiet imsemmija, l-Qorti taqbel mal-perit nominat dwar ir-responsabilita' u tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien taz-zewg sewwieqa ugwalment.

## Danni

Kwantu ghad-danni subiti mill-attur jirrizulta li hu qed jitlob l-ammont ta' Lm399.10 (ara para 4:iii tar-rapport tal-perit). Dan l-ammont gie accettat mill-attur u mhux kontestat mill-konvenut.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku bejn il-kontendenti li gara fid-29 ta' Gunju, 1990 gara ugwalment tort ta' l-attur u tal-konvenut,

tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ mija disgha u disghin lira maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm199.55);
tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur din is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.
B’riserva ghad-danni li talvolta jistghu jkunu dovuti lill-konvenut.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza.
Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------